# Naġġustaw l-Ewropa għall-Ġid Komuni

### *Azzjoni komuni għall-2019 ta' Ġustizzja u Paċi Ewropa fid-dawl tal-Elezzjonijiet Ewropej tal-2019*

***Justice and Peace Europe*** *taqra s-sinjali taż-żminijiet fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Hija tiffoka fuq il-politika u l-istituzzjonijiet Ewropej bl-intenzjoni soda li tappoġġa l-inizjattivi kollha favur il- fehim tal-ġid komuni, li jippromwovu aktar ġustizzja soċjali, isaħħu l-paċi u l-istabbiltà fl-Ewropa u fid-dinja, isaħħu l-ħolqien t'Alla u jsaħħu r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem. F'konformità mal-missjoni tagħha, Justice and Peace Europe qed toffri r-riflessjoni u l-proposti li ġejjin bħala l-azzjoni flimkien tal-kummissjonijiet tagħha għall-2019 lill-Ewropej kollha — humiex Insara, ta' reliġjon oħra jew mingħajr reliġjon — fid-dawl tal-Elezzjonijiet Ewropej li se jsiru bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019:*

## It-twaqqif ta' Ekonomija Soċjali tas-Suq — kompitu ewlieni għall-Parlament Ewropew

Il-Membri tal-Parlament Ewropew li jmiss se jikkoleġiżlaw, flimkien mal-Kunsill tal-Ministri, dwar proposti li tagħmel il-Kummissjoni Ewropea. Il-biċċa l-kbira tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet u tal-aktar regoli rilevanti għaċ-ċittadini Ewropej, sew jgħixux f'pajjiż li huwa msieħeb fl-Unjoni Ewropea, sew jgħixux f'pajjiż Ewropew ieħor, huma relatati mal-funzjonament tas-suq uniku. Imsejjes fuq il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-kapital, tas-servizzi, u tal-persuni, is-Suq Uniku — kif stabbilit bit-Trattati tal-Unjoni Ewropea — huwa s-sies tal-akbar ekonomija orjentata lejn is-suq fid-dinja. Huwa kkontribwixxa għal żieda enormi fil-benesseri materjali fl-Ewropa fl-aħħar deċennji. Madankollu, ekonomija orjentata lejn is-suq ħieles teħtieġ ukoll regoli ċari, kif ukoll infrastruttura għall-governanza tagħha fid-dawl tal-ġid komuni taċ-ċittadini. Jekk dan ma jsirx, jitkattru l-konsegwenzi mhux mixtieqa. Dan hemm bżonn li jiġi indirizzat mis-sorveljanza u r-regolamentazzjoni mill-awtoritajiet politiċi leġittimi. Għaldaqstant, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jitlob li titwaqqaf ekonomija tas-suq soċjali u jitlob lill-istituzzjonijiet tagħha jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-valuri promossi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jservu biex jorjentaw lill-membri tal-Parlament Ewropew li jmiss biex jemendaw u jikkoreġu l-effetti mhux mixtieqa fis-suq uniku.[1]

## Erba' kwistjonijiet u erba' prijoritajiet li l-Parlament Ewropew li jmiss għandu jqis

Justice and Peace Europe identifikat erba' kwistjonijiet li fihom is-Suq Uniku mhuwiex jaħdem tajjeb: kemm mill-perspettiva tal-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll

[1] L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid: "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

mill-perspettiva tat-tagħlim soċjali tal-Knisja[2]. Il-Parlament Ewropew li jmiss għandu jindirizza dawn il-kwistjonijiet bis-saħħa. Ovvjament, dawn mhumiex l-uniċi kwistjonijiet li hemm, iżda dawn jagħtu stampa tajba tat- tħassib tagħna, minħabba li juru ksur tal-prinċipji ta':

1. Il-ġustizzja soċjali, għax it-tqassim inġust tal-opportunitajiet u tal-ġid, iżda wkoll il-faqar u l-esklużjoni soċjali fit-territorju tas-Suq Uniku u bejn ir-reġjuni qed iwassal għal konsegwenzi negattivi u demografikament vitali, kulturali u soċjali;
2. L-indukrar tal-ambjent naturali (il-ħolqien) minħabba livell inaċċettabbli ta' ħela ta' ikel, li jindika l-predominanza ta' mudell tal-produzzjoni u l-konsum li jmur kontra l-virtù tat-temperanza u li huwa ta' ħsara għall-ambjent,
3. Il-*paċi* globali minħabba ħafna esportazzjoni tal-armi f'żoni tal-gwerra u konflitt armat, li jmorru kontra l-ftehim eżistenti bejn l-Istati Membri;
4. Ir-rispett għad-drittijiet umani minħabba li xi kumpaniji Ewropej — partikolarment uħud kbar ħafna bbażati fit-territorju tas-suq uniku — joperaw mad-dinja kollha b'modi li jistgħu jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

**Ad 1. Diskrepanzi reġjonali u l-migrazzjoni fi ħdan l-UE: il-ħtieġa għal Politika Ewropea tal-Iżvilupp Reġjonali ġdida u komprensiva**

Fl-2017, il-kost tal-manodopera fis-siegħa fl-UE varja minn €4.90 fil-Bulgarija għal €42.40 fid-Danimarka. Proċess b'saħħtu ta' konverġenza, li seta' jiġi osservat qabel il-kriżi finanzjarja ta' bejn l-2008 u l-2009, illum il-ġurnata batta. Id-diskrepanzi reġjonali huma sa ċertu punt inevitabbli fis-Suq Uniku, iżda d-differenzjal attwali huwa tant sinifikanti li bosta Ewropej qed jiddeċiedu li jħallu r-reġjun jew il-pajjiż tal-oriġini tagħhom u jemigraw għal pajjiżi b'impjiegi u opportunitajiet aħjar. Pereżempju, fl-aħħar 25 sena l-Bulgarija tilfet 10% tal-popolazzjoni tagħha, u spiss dawk li jitilqu jkunu l-aktar kwalifikati u jkunu żgħażagħ. F'pajjiżi oħra s-sitwazzjoni hija simili, u kważi f'kull Stat Membru wieħed jista' josserva eżodu miż-żoni rurali u anqas żviluppati. Id-depopolazzjoni ta' partijiet kbar tal-Unjoni Ewropea u t-tfaqqir ta' dawk li jibqgħu lura huma effetti sekondarji negattivi tas-suq uniku, li ma jistgħux jiġu ttollerati.

Minflok, ekonomija soċjali tas-suq u l-prinċipju tal-koeżjoni territorjali jeħtieġu t-tfassil ta' politika tal-iżvilupp Ewropea ġdida u komprensiva, li tibni fuq u li tipprova ttejjeb il-politiki reġjonali eżistenti minflok timminahom.
Il-Parlament Ewropew il-ġdid għandu jiddikjara dan bħala kwistjoni ta' prijorità minħabba li l-livell għoli ta' nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet Ewropej, inkluż il-Parlament Ewropew, jirriżulta tal-anqas parzjalment mill-ineffiċjenza perċeputa jew reali fil-konfront ta' diskrepanzi soċjali u territorjali li qed jikbru fl-UE.

[2] Minħabba ftehimiet bilaterali jew minħabba l-proċeduri ta' adeżjoni li għaddejjin tagħhom, pajjiżi Ewropej li mhumiex membri fl-Unjoni Ewropea wkoll huma affettwati mid-disfunzjoni tas-suq uniku.

**Ad 2. Il-ħela tal-ikel — mudell ta' produzzjoni u konsum li hemm bżonn li jiġi kkoreġut b'urġenza**

Il-ħela enormi ta' ikel fil-pajjiżi żviluppati hija stampa skandaluża tal-effetti kollaterali negattivi tal-mudelli prevalenti tal-produzzjoni u l-konsum. Il-Papa Franġisku kemm-il darba rrefera għal dan l-iskandlu. Dan ipoġġi stress kbir fuq l-ekosistemi tagħna u huwa wisq aktar inkwetanti meta jitqies li miljuni ta' nies globalment ibatu l-ġuħ. Il-mira 12.3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (magħrufin bħala SDGs) titlob li l-ħela ta' ikel titnaqqas bin-nofs fil-livell tal-bejgħ u l-konsum. Fl-UE l-ammont ta' ħela ta' ikel fis-sena huwa stmat li hu ta' 88 miljun tunnellata, li huwa aktar minn kwint tal-produzzjoni. F'tali livelli, hemm bżonn ta' bidla drastika. Din hija sfida kumplessa għas-sistema alimentari kollha kemm hi, inkluż l-imġiba tal-konsumaturi.

F'Awwissu 2016, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel, u fl-2017 ippubblikat linji gwida tal-UE biex jiffaċilitaw id-donazzjoni tal-ikel. Fir-rebbiegħa tal-2018 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri adottaw direttiva riveduta tal-iskart li titlob lill-Istati Membri jnaqqsu l-ħela ta' ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel u biex jimmonitorjaw aħjar il-livelli tal-ħela ta' ikel. Hemm bżonn li jsir iktar, u hemm bżonn li l-Parlament Ewropew li jmiss jixpruna lill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn biex jagħmlu progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-ħela ta' ikel, pereżempju billi jiġu kkoreġuti l-linji gwida għad-dati "uża sa" u "l-aħjar qabel" ("use by" u "best before") li jirrappreżentaw madwar 10% tal-ħela ta' ikel. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, inkluż il-Parlament Ewropew se jkollhom jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu metodu u sistemi ta' klassifikazzjoni uniformi biex jikkwantifikaw il-ħela ta' ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel. Fuq il-bażi ta' metodoloġija maqgħuda li tkun ġiet miftiehma biex titkejjel il-ħela ta' ikel, il-Parlament Ewropew li jmiss għandu jitlob li tiddaħħal mira ta' tnaqqis tal-ħela ta' ikel obbligatorja fil-livell tal-UE. L-introduzzjoni ta' liġi tas-Samaritan it-Tajjeb fil-livell Ewropew, li tkun toffri protezzjoni legali aktar b'saħħitha lid-donaturi tal-ikel meta joffru appoġġ raġonevoli lin-nies fil-bżonn, tista' wkoll tkun pass pożittiv. Madankollu, l-iktar kwistjoni importanti hija bidla fil-kuxjenza u l-mentalità fost kull min hu involut. Il-Membri tal-Parlament Ewropew huma persuni pubbliċi u jservu ta' mudelli, u għaldaqstant hemm bżonn li jġibu ruħhom skont dan. Huwa awtoevidenti li naraw ukoll ħtieġa għal titjib fix-xejriet tal-konsum fil-Knisja inġenerali u fina nfusna, bħala individwi u familji.

**Ad 3. Nippromwovu l-paċi fid-dinja u nrażżnu l-esportazzjonijiet irregolari tal-armi tal-UE**

Fl-aħħar snin, armi li ġew prodotti fis-suq uniku Ewropew intużaw f'bosta gwerer u kunflitti armati. L-UE hija t-tieni l-akbar esportatur ta' armi fid-dinja. Fl-2017 il-pajjiżi EU28 kellhom sehem ta' 24%[3] tal-esportazzjonijiet totali tal-armi wara l-Istati Uniti (57%) u qabel ir-Russja (9.5%), skont l-Istitut Internazzjonali ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma (SIPRI). Filwaqt li l-esportazzjonijiet kumplessivi tal-armi mill-UE żdiedu b'10% fil-perjodu bejn l-2013 u l-2017 meta mqabbel mal-perjodu bejn l-2008 u l-2012, l-esportazzjonijiet għal-Lvant Nofsani żdiedu b'103% tul dan il-perjodu. Huwa ta' niket li

[3] Il-Ġermanja, Franza u r-Renju Unit jesportaw żewġ terzi tal-esportazzjonijiet kollha tal-armi tal-UE.

nagħrfu li l-fabbriki tal-armi Ewropej kienu fost l-aktar fornituri ta' armi importanti lir-reġjun. Il-preservazzjoni tal-paċi u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt kienu fost l-aktar raġunijiet importanti għala l-pajjiżi fl-Ewropa bdew jikkooperaw wara t-Tieni Gwerra Dinjija, u dawn huma wkoll l-aktar valuri importanti, li l-UE suppost tippromwovi fil-politiki esterni tagħha skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Art. 21). Sabiex tipprevjeni l-kunflitt u biex issaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, l-UE fl-1998 diġà kienet stabbiliet Kodiċi ta' Kondotta dwar l-esportazzjonijiet tal-armi. Fl-2008 dan ġie żviluppat aktar u sar il-"Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari". Din tiċċara taħt liema ċirkostanzi l-Istati Membri tal-UE għandhom jiċħdu liċenzji biex il-kumpaniji jesportaw l-armi. Għaldaqstant, l-ebda armi ma jistgħu jiġu pprovduti lil pajjiżi involuti fi gwerer u kunflitti, lanqas lil pajjiżi li jwettqu ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, jew lil pajjiżi li fih ir-riskju tat-trasferiment tal-armi lil żoni ta' kriżi jew kunflitt huwa għoli, u lanqas lil pajjiżi li jappoġġaw organizzazzjonijiet terroristiċi, jew lil pajjiżi li l-ispiża kbira fuq tagħmir militari jista' jaffettwa serjament il-prospettivi ta' żvilupp tal-pajjiż stess. Madankollu, fil-prattiki tagħhom li joħorġu liċenzji tal-esportazzjoni lil kumpaniji li jesportaw l-armi, l-Istati Membri tal-UE ta' spiss kisru dawn ir-regoli, kif irrimarka l-Parlament Ewropew f'Novembru 2018. Fir-riżoluzzjoni tiegħu l-Parlament Ewropew talab li jiġi introdott mekkaniżmu għal sanzjoni tal-Istati Membri li ma jimxux mal-Pożizzjoni Komuni. F'filmat tat-talb f'Ġunju 2017 u f'bosta okkażjonijiet oħrajn, il-Papa Franġisku talab li jsir talb għall-mexxejja nazzjonali, sabiex jimpenjaw ruħhom biex itemmu l-kummerċ tal-armi li jagħmel vittma minn tant nies innoċenti.

Justice and Peace Europe tistenna li l-membri tal-Parlament Ewropew il-ġdid jappoġġaw bis-sħiħ il-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-armi, u li attivament jippromwovu miżuri adegwati, li jiżguraw li tkun rikonoxxuta u implimentata bis-sħiħ mill-Istati Membri Ewropej. Għandha tiġi stabbilita sistema effettiva ta' sanzjonijiet fil-każ li l-Istati Membri jiksru r-regoli. Il-Parlament Ewropew li jmiss għandu wkoll jappoġġa inizjattivi tal-UE biex tippromwovi soluzzjonijiet diplomatiċi għall-kunflitti u biex tgħin lill-pajjiżi biex jegħlbu l-problemi tal-iżvilupp b'regoli għall-kummerċ ġust u bi programmi ta' sħubija ffukati tajjeb u żviluppati b'mod konġunt.

## Ad 4. Ir-rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem u strument legalment vinkolanti għall-kumpaniji multinazzjonali.

Il-kumpaniji transnazzjonali rnexxielhom jespandu għal kull pajjiż fid-dinja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kunċett kurrenti tal-iżvilupp ekonomiku. Il-PDG ta' xi stati sar iċken mill-fatturat tal-ikbar kumpaniji multinazzjonali u dawn jesperjenzaw sitwazzjonijiet fejn isiru vulnerabbli għalihom: il-korruzzjoni, il-biża' li jiġu esklużi mis-sistema ekonomika u mill-katina ta' valur mondjali; l-impożizzjoni politika min-naħa ta' elites egoisti. Il-kumpaniji multinazzjonali jintervjenu fl-ogħla livelli tal-politika biex jiksbu l-aċċess għar-riżorsi naturali u jisfruttawhom, biex jiksbu deċiżjonijiet speċjali dwar it-taxxi, biex jieħdu vantaġġ indebitu tal-programmi ta' infrastruttura pubblika u biex ikollhom l-impunità f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Papa Franġisku, bħall-predeċessuri tiegħu, kemm-il darba stieden lill-kumpaniji multinazzjonali biex joqogħdu attenti għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet

kollha tagħhom. Illum jidher li huwa neċessarju li jiġu ddedikati riżorsi pubbliċi għall-ħolqien ta' entitajiet biex il-korporazzjonijiet transnazzjonali jiġu kkontrollati, mmonitorjati u ppenalizzati. Dawn l-entitajiet perjodikament jistudjaw il-konformità tal-obbligi korporattivi fir-rigward tal-Prinċipji ta' Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti għan-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u r-regoli vinkolanti ta' diliġenza dovuta korrespondenti. Il-Parlament Ewropew jista' jieħu inizjattiva biex jistabbilixxi tali entità għall-monitoraġġ tal-kumpaniji multinazzjonali li s-suq domestiku tagħhom huwa s-Suq Uniku. Il-Parlament Ewropew li jmiss għandu wkoll ikompli jippromwovi involviment attiv u kostruttiv tal-Unjoni Ewropea — abbażi ta' mandat ta' negozjar mill-Kunsill tal-Ministri — mal-grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.